**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru. RGĦ 38/14

**Minuti tal-38 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 23 ta' Jannar 2014.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa fis-5:30 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; Dr Samuel Azzopardi (President), il-Viċi President, Joseph Sultana, u l-membri, Joe Cordina, Mario Azzopardi, Francis Cauchi, Nicky Saliba, Charles Said, Anthony Formosa u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

1. **Qari, konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti**

1.1 Intqalet t-talba. Peress illi l-minuti tas-37 intbgħatu minn qabel, ġew approvati unanimament.

2. **Korrispondenza**

2.1 Mingħand *Guard and Warden Services Hse Ltd* jinfurmaw illi l-uffiċji tagħhom ġewwa Għawdex issa qegħdin ġewwa Apartamenti Fiorantini, Triq il-Ġilju, Victoria.

2.2 Rigward Memo 34/2013 fuq sejħiet għall-offerti/kuntratti dwar manutenzjoni tad-dawl fit-toroq, wara intervent tal-Kumitat Reġjonali, id-Dipartiment informa illi dawn id-direttivi m'għandhomx japplikaw għal Għawdex, peress illi l-proġett tal-*street lighting* qiegħed f'livell avanzat aktar minn dak ta' Malta.

2.3 *Guard and Warden Services Hse Ltd* rigward id-diffikultajiet eżistenti tas-sistema tal-infurzar ġewwa Għawdex.

2.4 Memo 1/2014 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2013

2.5 Mingħand id-Direttur Gvern Lokali dwar ilment li rċieva mingħand l-Ombudsman fi żbalji ta' inputting ta' reġistrazzjoni tal-karozzi. Din il-korrispondenza kienet qed tirreferi għar-reġjuni kollha, mhux għal reġjun wieħed partikolari

**3. Relazzjonijiet eqreb mar-Reġjun tal-Emiglia Romagna fl-Italja.**

3.1 Il-President tenna illi wara diversi diskussjonijiet mal-Konslu Malti ġewwa l-Emilia Romagna ġie miftiehem illi d-dati tal-viżta ser ikunu bejn is-16 u 19 ta' Marzu 2014. Il-viżta għandha tkun maqsuma fi tnejn. Fil-parti politika ser tkun iffurmata minn 10 membri tal-Kumitat Reġjonali u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-membri maħtura huma Dr Samuel Azzopardi, Joe Sultana, Mario Azzopardi, Paul Azzopardi, Joe Cordina, Frans Cauchi, Charles Said, David Apap, Nicky Saliba, Anthony Formosa. Kwalunkwe spejjeż illi għandhom x'jaqsmu ma din il-viżta għandhom jitħallsu mill-kunsilli lokali rispettivi.

3.2 Il-President informa wkoll illi bħalissa għaddejjin diskussjonijiet sabiex il-kamra tal-kummerċ tieħu sehem f'din il-viżta. Il-President stqarr illi jidher li hemm interess sabiex jipparteċipaw.

### 3. ***Street Lighting Devolution***

3.1 Is-segretarju informa illi wara diskussjoni ma' rappreżentanti tal-Ministeru tal-Enerġija rigward il-proġett tal-installazzjoni tal-LEDs f'Għawdex ġie maqbul illi żewġ membri mill-Kumitat Reġjonali għandhom jiġu maħtura sabiex janalizzaw id-dokument tal-offerti kif ukoll ikunu parti mill-kumitat t'evalwazzjoni. Ġie maqbul illi l-President Dr Samuel Azzopardi u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv) huma ż-żewġ persuni nominati mill-Kumitat Reġjonali.

3.2 Is-segretarju nforma wkoll illi ntalbet laqgħa sabiex jiġi diskuss id-*devolution agreement* fejn għandhom jitqajjmu d-diversi mistoqsijiet illi ġew identifikati fil-laqgħa preċedenti. S'issa għada ma ngħatat l-ebda data minn naħa tal-Ministeru tal-Enerġija għal din il-laqgħa.

### 5. Materji oħra

5.1 Il-President qajjem il-punt dwar il-*Local Action Group* fejn għadu ma ġiex nominat l-ebda membru mill-Kumitat Reġjonali sabiex jimtela' l-post vakanti. Is-Sur Joe Cordina (membru) stqarr illi huwa mportanti ħafna sabiex dan il-post jimtela'. Hu qal illi huwa fl-interess tal-kunsilli lokali li l-*Local Action Group* jaħdem tajjeb u huma l-istess kunsilli lokali illi qed jibbenifikaw mill-proġetti tal-*Local Actin Group.* Wara talba sabiex ikun hemm membru illi juri interess sabiex jinħatar, ġie deċiż illi għandu jingħata aktar żmien.

5.2 Peress illi ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi, il-laqgħa intemmet fis-6:30 pm.

| | |
|---|---|
| _________________ | __________________ |
| Dr Samuel Azzopardi<br>President | Ian Paul Bajada<br>Segretarju Eżekuttiv |